# Email

| | |
|---|---|
| **To Address:** | daniellemallia@ombudsman.org.mt |
| **CC Address:** | noel.grixti-d-amato@gov.mt; mikaya.schembri.1@gov.mt; svetlick.k.flores@lesa.gov.mt; angela.portelli@gov.mt; desiree.bondin@gov.mt; miguel.aquilina.1@gov.mt; jzmckeon@ombudsman.org.mt; joyce.dimech@gov.mt |
| **BCC Address:** | |
| **Message Date:** | 23/08/2024 09:47 |
| **Related to Case Number:** | OMB-24-00004740 |
| **Subject:** | RE: Case No. OMB-24-4740 - Final Opinion |
| **Has Attachments?** | No |

Lill-Ombudsman

Uffiċċju tal-Ombudsman
11, Triq San Pawl
Valletta

Każ Nru. OMB-24-4740

Lill-Ombudsman,

Ninsab niktiblek fl-interess tal-Aġenzija għas-Sistema tal-Infurzar Lokali ta' 246, sitwata fi Triq Mater Boni Consili ġewwa l-Fgura. Din il-komunikazzjoni qiegħda ssir b'referenza għall-każ numru OMB-24-4740.

Illi l-Aġenzija ġiet nofitika b'opinjoni finali, datata 30 ta' Lulju tas-sena 2024, għar-rigward rapport li ġie ntavolat mis- b'referenza għall-irkunkar ta' vettura minn Triq it-Tabib Chetcuti ġewwa l-Mosta.

Illi l-Aġenzija analizzat bir-reqqa dan ir-rapport mibgħut lilha u qiegħda tinforma lill-Uffiċċju tal-Ombudsman li l-istess mhux qiegħda taqbel mal-konklużjonijiet u r-rakkommandazzjonijiet ta' dan l-uffiċju. Dan għas-segwenti raġunijiet.

1. Illi skont paragrafu 3.1 tal-imsemmi rapport, l-uffiċċju tal-Ombudsman iddikjara li ritratti ppreżentanti lanqas huma tajbin, u di piu ritratti fl-għamla ta' .jpg ma kellhom qatt jiġu aċċettati bħala evidenza. Pero' bir-rispett u b'referenza għall-metadata ta' .jpg, dan ir-rapport ma jgħati l-ebda indikazzjoni għal-liema raġuni tali ritratti qatt ma kellhom jiġu aċċettati bħala tali. Di piu ritratti meħudin minn fuq telefon ċellurari, kollha jiġu saved bħala .jpg. Ifisser li din hija l-unika għodda li l-poplu għandu sabiex jippreżenta ritratti f'każijiet simili.
2. Illi b'referenza għall-evidenza provduta, l-Aġenzija lanqas ma qiegħda taqbel mal-konklużżjoni u r-rakkomandazzjoni skont ir-rapport hawn fuq imsemmi. Dan għaliex, it-tabelli in kwistjoni ġew imwaħħla skont dak li titlob il-liġi, u cioe Legislazzjoni Sussidjara 65.05 Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata, kif ukoll LS 441.04 Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu Permess mill-Kunsill Lokali,

Tislijiet sinciera,

**Stephanie Pisani**
Manager II
Office of the Permanent Secretary

t +356 25689260 e stephanie.pisani@gov.mt
homeaffairs.gov.mt | www.publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

MINISTRY FOR HOME AFFAIRS,
SECURITY AND EMPLOYMENT
35, OLD BAKERY STREET, VALLETTA, MALTA

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*